# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija Burmarrad

Tel: 21573045/ mobile: 77622275 Fax:21578118
www.parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroċċaburmarrad.com
https://www.facebook.com/parroccaburmarrad

*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Marzu 2015 - Nru. 384*



# Il-Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

F’dan iż-żmien partikolari li qed ngħixu flimkien mal-Knisja kollha, iż-żmien tar-Randan Imqaddes, xtaqt naqsam magħkom tlett punti mportanti: It-Talb, il-Penitenza u s-Smigħ tal-Kelma t’Alla.

Il-ġurnata hi twila 24 siegħa u għalhekk għandna nsibu ħin adekwat għat-Talb, għall-laqgħa tagħna m’Alla l-Missier:  biex infaħħruh, għax hu jistħoqqlu kull tifħir;  biex nirringrazzjawh ta’ dak kollu li jagħmel magħna; nitolbuh maħfra ta’ dnubietna u nitolbuh ukoll l-għajnuna li neħtieġu, l-aktar biex nagħmlu r-rieda tiegħU.  Ħin insibu għal kollox, biex niltaqgħu m’Alla ma nsibux? Nagħmlu kuraġġ u nżommu f’moħħna u f’qalbna li l-ġurnata kollha għandha tkun Talba kontinwa billi nagħmlu r-rieda tiegħU u noffrulu l-ġurnata għall-Imħabba tiegħu, bix-xogħol, bil-mistrieħ u bit-taħbit, il-ferħ, in-niket u t-tbatija u b’dak kollu li niltaqgħu miegħu. NitolbuH biex nagħrfu nwettqu r-rieda Tiegħu u mhux tagħna.

It-Tieni punt hu dwar il-Penitenza. Għalfejn nagħmluha? Biex inpattu għal dnubietna u b’hekk niksbu l-ħniena t’Alla fuqna. L-istorja ta’ Ninwe lkoll nafuha! In-nies ta’ Ninwe u saħansitra anke s-Sultan jemmnu l-Kelma ta’ Ġona, li ħadd ma kien jafu. Isumu, jagħmlu penitenza u jibdlu ħajjithom. Nagħmlu penitenza biex inrażżnu lilna nfusna, u mmutu għalina nfusna. Trid tkun biss l-għajnuna t’Alla biex tgħinna nagħmlu dan, għaliex bil-għajnuna tiegħu biss nirbħu malajr kull tentazzjoni. Ejjew nersqu iżjed lejh biex nagħrfu iktar il-miżerja tagħna. U dak li nfaddlu miċ-ċaħdiet li nagħmlu nagħtuh karita’. Ċaħda importanti li tajjeb nagħmlu hija t-trażżin tal-ilsien li kapaċi jkun strument qawwi ta’ qerda fil-familja jew fil-komunita’

It-Tielet u l-aħħar punt huwa l-ħtieġa li nisimgħu il-Kelma t’Alla biex inżommu sħaħ fil-fidi u ngħixuha. Il-Kelma t’Alla ddawwalna biex nagħrfu Alla xi jrid minna, u tagħtina l-qawwa u l-kuraġġ biex inwettquha, meta nkunu għaddejjin mill-mumenti tal-Prova. Nagħmlu mela kuraġġ għax Alla qatt mhu ser jitlaqna waħidna, dejjem magħna u skont il-bżonn jagħtina l-għajnuna. Ejjew ngħixu ġurnata b’ġurnata u siegħa b’siegħa. Kuraġġ!

Tkunu mberkin!
P.Joseph Mamo ofm Conv.

# Trobbija Moderna

## Mhux faċli trabbi fid-dinja tal-lum!

Is-sessjonijiet informattivi tagħna jgħinuk tifhem lit-tfal tiegħek u tibni familja aktar kuntenta.

'Il bogħod mill-vizzji
13 ta' Marzu fid-9:00am

Divertiment Alternattiv
10 ta' April fid-9:00am

Dipendenza Teknoloġika
8 ta' Mejju fid-9:00am

Trobbija pożittiva mat-tfal
12 ta' Ġunju fid-9:00am



*Għal aktar informazzjoni kkuntattja: 22697117*
*qcs.appogg@gov.mt*

*Dawn is-sessjonijiet ser isiru b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Parrokkjali Sant'Antnin ta' Padova, Burmarrad*

www.fsws.gov.mt
Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali

*/Appogg Qawra Community Service*

# ĦAJJA U ĦIDMA - MARZU 2015

**Il-Ħadd 1:** **It-Tieni Ħadd tar-Randan**. IRTIR mid-9.30am sa nofs in-nhar fiċ-Ċentru Parrokkjali, immexxi minn P.Thomas Calleja ofm Conv., dwar is-sinifikat tar-Randan. Inħeġġu lil kulħadd biex jattendi.

**It-Tnejn 2:** Fis-6.45pm – Jibdew l-Eżercizzi tal-Miżżewġin immexxija minn Fr. Frans Abdilla. Titilfux din l-okkażjoni.

**Il-Ħamis 5:** **L-Ewwel Ħamis tax-xahar**. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa f'nofs in-nhar.

**Il-Ġimgħa 6:** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 7:** **L-Ewwel Sibt tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija. Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Il-Ħadd 8:** **It-Tielet Ħadd tar-Randan**
Il-Kumitat Festa bejn id-9.30am u 12.00pm jagħmel it-tieni ġabra bieb bieb, b'risq il-Festa Titulari ta' din is-sena. Grazzi tal-ġenerosita'.

**It-Tnejn 9**: Fl-4.30pm - Qrar għat-tfal li jattendu l-Mużew tal-Bniet.

**It-Tlieta 10:** Fl-4.30pm – It-Tieni Laqgħa għall-ġenituri li t-tfal tagħhom se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fiċ-Ċentru Parrokkjali. Fl-istess ħin issir l-ewwel qrara għat-tfal li ser jagħmlu l-ewwel tqarbina.

**Il-Ġimgħa 13:** Fid-9.00am – Ċentru Parrokkjali – Taħdita dwar 'Il bogħod mill-Vizzji' organizzata mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. Min jista' tajjeb li jattendi.
Fl- 4.30pm – Qrar għat-tfal li jattendu l-Mużew tal-Bniet.

**Il-Ħadd 15:** **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan.**

**It-Tlieta 17:** Fl-4.30pm Qrar għat-tfal li jattendu ċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ħamis 19:** **Solennita' ta' San Ġużepp.** Fit-8.30am Quddiesa oħra għall-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp. Illum jaħbat ukoll it-Tieni

Anniversarju mill-ħatra tal-Papa Franġisku. Nitolbu għalih.

**Il-Ġimgħa 20:** **Pellegrinaġġ għar-Redentur tal-Isla**. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa fid-9.00am. Ħallu isimkom fis-sagristija jew kellmu lil helpers. Tħallux għall-aħħar.



**Is-Sibt 21:** Fis-7.00pm fil-parroċċa – DRAMM tal-Passjoni mtella' miż-żgħażagħ tal-Parroċċa bl-Isem ta' SMS: Sinjur-Mulej-Salvatur, b'kitba ta' Darren u Charmaine Bonniċi. L-attendenza tkun apprezzata ħafna u anke ta' inkoraġġiment.

**Il-Ħadd 22:** **Il-Ħames Ħadd tar-Randan.**

**It-Tnejn 23:** Fis-6.15pm Bidu tal-Eżerċizzi għal kulħadd bil-ħsieb waqt il-quddiesa minn P.Joseph Formosa ofm Conv.

**It-Tlieta 24:** Fl-4.30pm – Quddiesa għat-tfal kollha li jattendu d-duttrina fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni tal-ġimgħa tad-Duluri. F'din il-Quddiesa t-tfal jippreżentaw il-Karus tal-Imħabba għad-Dar tal-Providenza. Imexxi l-quddiesa P.Christian Borg ofm.Conv.

**Il-Ġimgħa 27:** **Jum Devozzjonali tad-Duluri**. Ara l-programm.

**Is-Sibt 28:** Ma ninsewx biex il-lejla ndawwru s-siegħa għall-ħin tas-sajf.

**Is-Sibt 28 u l-Ħadd 29** L-aħħar weekend tax-xahar. Ġabra b'risq il-Parroċċa. Grazzi ħafna tal-ġenerosita' tagħkom. Bazaar tal-Għid imtellgħa mill-Kumitat tal-Festa.

**Il-Ħadd 29:** **Jum iż-Żgħażagħ -** Mill-lum u tul il-ġimgħa kollha sakemm jerġa' jinqaleb il-ħin, il-Quddiesa ta' filgħaxija tkun fis-7.00pm. Mill-lum tiftaħ il-ĠIMGĦA MQADDSA, bis-solennita' ta' Ħadd il-Palm. Ara l-programm.

**It-Tnejn 30:** Fis-7.00pm – Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni Penitenzjali.

**It-Tlieta 31:** Fis-7.00pm - Quddiesa fejn jingħadu t-tlett Salmi tal-Passjoni, miktuba minn San Franġisk.
Fit-7.45pm – Tibda l-Via Sagra fi Triq San Pawl Milqi.

# *It-Tliet Tentazzjonijiet*

It-tentazzjonijiet li Ġesu' sab quddiemu mhumiex tentazzjonijiet 'il bogħod minna, iżda jinsabu fil-qalba nett ta' kull tentazzjoni tagħna.

***L-Ewwel Tentazzjoni*** – Din hi li tiffoka ħajtek fuq dak kollu li hu materjali u li jissodisfa l-pjaċiri tal-ġisem. 'Jekk inti l-Iben t'Alla, agħmel li dan il-ġebel isir ħobż'. Ġesu' hu bil-ġuħ wara erbgħin jum ta' sawm. U ġietu t-tentazzjoni li juża' l-qawwa Divina tiegħU biex jissodisfa lil ġismu. Din hi t-tentazzjoni li tgħidlek li ħajja tajba tfisser ħajja li tissodisfak fiżikament.....ikel, xorb, flus, sess, kumdita' u sigurta' fuq il-futur huma l-ogħla valuri fis-soċjeta'. bħalissa. Meta ċċedi għal dan, qed tifga lill-Ispirtu t'Alla li hemm fik. Il-pjaċiri tal-ġisem huma bħat-tfal żgħar, dejjem iridu l-attenzjoni u mhuma sodisfatti qatt! 'Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix', iwieġeb Ġesu'. Il-ħajja hi ħafna aktar minn hekk. Xi traġedja jekk nieqaf biss f'dawn il-valuri. Infetaħ għar-rieda t'Alla!



***It-Tieni Tentazzjoni*** – Meta falla fl-ewwel attentat, it-tentatur ħareġ b'tentazzjoni ifjen. Hu wera lil Ġesu' s-saltniet kollha tad-dinja. Din hi t-tentazzjoni tal-poter. Ix-xitan hawn jgħid li s-saltniet tad-dinja huma tiegħu, ingħataw lilu. Hawnhekk niftakru illi min hu fil-poter faċli ħafna li jsir korrott, u jipprova jiggranfa mal-poter billi jakkuża, jifred u jigdeb. Ġesu' kellu tentazzjoni kbira biex jilħaq Sultan ta' din id-dinja. Imma kieku ċeda, kieku l-grazzja Divina m'għaddietx lilna

permezz tiegħU. Kieku kien jintesa' bħal ma jintesa' kulħadd.

***<u>It-Tielet Tentazzjoni</u>*** – L-ewwel żewġ tentazzjonijiet kienu ċari, pjaċiri tal-ġisem u poter. It-tielet waħda hija aktar diffiċli biex tifhem. Hija t-tentazzjoni tal-glorja. Hija t-tentazzjoni li tuża' lil Alla, li timmanipulah minflok li taqdih. 'Jekk inti l-Iben t'Alla, intelaq minn fuq dan it-Tempju..' Dak iż-żmien, it-Tempju kien l-aktar post ċentrali u ta' qima għall-Lhud. Jekk se toqgħod fuqu, kulħadd se jħares lejk, anki Alla. Din hi t-tentazzjoni li npoġġi lili nnifsi 'l fuq minn Alla nnifsu. Inħossu din it-tentazzjoni wkoll, għax ilkoll midinbin. Ġesu' jirrispondi, 'Iġġarrabx lil Mulej Alla tiegħek.' Hawn qiegħed ifakkarna, Alla hu Alla, u aħna l-qaddejja tiegħu.



Wara li rebaħ it-tliet tentazzjonijiet, Ġesu' lest li jibda l-missjoni tiegħU. Hu jaf hu min hu. Din hija l-isfida tagħna matul dan ir-Randan.

***Nifirħu u nawguraw lill-Arċisqof il-ġdid Mons. Charles J. Scicluna. Nitolbu għalih.***

# Tajjeb Tkun Taf

**Oġġetti ta’ Preserves**

**Matul dan ir-Randan ser jinġabru oġġetti tal-preserves tal-ikel jew donazzjonijiet ta’ flus b’risq l-Istitut tat-tfal ta’ San Ġużepp Ħaż-Żabbar u l-familji fil-bżonn. Hemm il-qfief ħdejn il-bibien tal-Knisja.**

**Seba’ Viżti**

**Ser jerġgħu jiġu organizzati s-seba’ viżti. Dawn ser isiru nhar Ħamis ix-Xirka. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa fit-8.30pm. Booking fis-sagristija jew kellmu lil helpers. Ser inżuru s-Sepulkri fil-Knejjes tar-Rabat Malta.**

**Ħarġa Kulturali**

**Kull l-aħħar Ħadd tax-xahar qed issir ħarġa kulturali għar-Residenti tal-Lokalita’ organizzata mill-Kunsill Lokali. It-trasport u snack hu provdut b’xejn mill-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Baħar. Aktar tagħrif jinkiseb mill-Kunsill Lokali stess.**

**Dramm tal-Passjoni**

**Ħallu d-data tas-Sibt 21 ta’ Marzu fit-7.00pm libera meta ser jittella’ d-Dramm tal-Passjoni fil-Knisja Parrokkjali. Id-Dramm, bl-isem ta’ SMS: Sinjur, Mulej, Salvatur jittella’ miż-Żgħażagħ tal-Parroċċa tagħna, b’kitba u direzzjoni ta’ Darren u Charmaine Bonniċi.**

